Panoramic Italy & The Bernina Express

5 ijiem bejn lagi mill-isbaħ, villaġġi Alpini u xenarji spettakolari fl-Italja u l-Iżvizzera.

Grupp A: 08–12 ta’ Marzu

Grupp B: 25–29 ta’ Marzu (Easter Holidays)

Grupp Ċ: 02–06 ta’ Ġunju

Grupp D: 23–27 ta’ Ġunju

Grupp E: 14–18 ta’ Lulju

Grupp F: 28 ta’ Lulju–01 ta’ Awwissu

Grupp Ġ: 01–05 ta’ Settembru

Grupp Ħ: 15–19 ta’ Settembru

Grupp I: 06–10 ta’ Ottubru







L-Ewwel Jum – Sondrio

Niltaqgħu fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta fl-10.25 għat-titjira diretta tal-KM Malta Airlines KM624 lejn Milan Linate. It-titjira titlaq fit-12.25 u tasal fl-14.25. Wara li niġbru l-bagalji, nibdew il-vjaġġ tagħna bil-kowċ lejn Sondrio, belt sabiħa fil-qalba tal-wied ta’ Valtellina, imdawra bil-muntanji tal-Alpi. Mal-wasla tagħna fil-Grand Hotel della Posta 4*, li jinsab fiċ-ċentru tal-belt, issir is-sistemazzjoni tal-kmamar.

It-Tieni Jum – Tirano – Bernina Express – St. Moritz

Wara l-buffet breakfast, nitilqu lejn Tirano, minn fejn naqbdu l-ferrovija turistika Bernina Express (extra). Matul dan il-vjaġġ ta’ ftit aktar minn sagħtejn ingawdu xenarji mill-isbaħ ta’ muntanji, lagi u glaċieri qalb il-pajsaġġ Alpin, sakemm naslu St. Moritz fl-Iżvizzera. Hawn ikollna ħin liberu biex nesploraw din il-belt eleganti u ngawdu l-inħawi tagħha. Wara nirritornaw lejn il-hotel f’Sondrio.

It-Tielet Jum – Livigno – Bormio

Wara l-buffet breakfast, nitilqu lejn Livigno, resort Alpin magħruf għax-xenarju sabiħ tiegħu u għall-ħwienet duty free. Jkollna l-opportunità li nitilgħu bil-cable car ta’ Carosello (extra) biex ngawdu veduti spettakolari minn fuq il-muntanja. Ikollna wkoll ħin liberu għax-xiri u għall-ikel. Wara nkomplu lejn Bormio, fejn nagħmlu mixja fiċ-ċentru storiku fost toroq dojoq, pjazez u ħwienet żgħar. Nirritornaw lejn il-hotel.

Panoramic Italy & The Bernina Express

Ir-Raba' Jum – Lago d'Iseo – Lovere – Monte Isola

Wara l-buffet breakfast, nitilqu lejn Lago d'Iseo. L-ewwel waqfa tagħna tkun f'Lovere, belt pittoreska fuq ix-xatt tal-lag, fejn ikollna ħin għal mixja biex ngawdu l-veduti sbieħ tal-lag u tal-muntanji. Wara nkomplu lejn Sulzano, minn fejn ikollna l-opportunità li naqbdu dgħajsa (extra) lejn Monte Isola. Vjaġġ qasir iwassalna fil-villaġġ tas-sajjieda ta' Peschiera Maraglio, fejn ingawdu ħin liberu fost sqaqien, djar tradizzjonali u ristoranti ħdejn il-lag. Wara nirritornaw lejn Sondrio.

Il-Ħames Jum – Lecco Gruppi A u B

Wara l-buffet breakfast, inħallu l-hotel u nitilqu lejn Lecco, belt sabiħa fuq ix-xatt ta' Lake Como. Ikollna ħin liberu għal passiġġata mal-lag u biex ngawdu l-aħħar mumenti tal-btala tagħna. Wara nkomplu lejn l-ajruport ta' Milan Linate għat-titjira KM625, li titlaq fit-15.35 u tasal Malta fil-17.35.

Il-Ħames Jum – Bellano – Lecco • Gruppi minn Ġunju sa Ottubru

Wara l-buffet breakfast, inħallu l-hotel u nitilqu lejn Bellano, fuq ix-xatt ta' Lake Como. Hawn ikollna l-opportunità li nżuru l-Orrido di Bellano (extra), gorge naturali b'kaskati u passaġġi minn fejn nistgħu nammiraw dan l-ispettaklu tan-natura. Wara nkomplu lejn Lecco, fejn ikollna ħin liberu għall-ikel, biex nesploraw iċ-ċentru u ngawdu passiġġata mal-lag. Aktar tard nitilqu lejn l-ajruport ta' Milan Linate għat-titjira KM627, li titlaq fl-20.45 u tasal Malta fl-22.50.

Prezz Kull Persuna

Eskursjonijiet u Taxxi Inklużi

	Prezz Normali	Prezz Skontat
Kamra ta' tliet persuni	€970	**€920**
Kamra ta' żewġ persuni	€970	**€920**
Kamra ta' persuna waħda	€1110	**€1060**

Suppliment Gruppi F (28 ta' Lulju) u Ħ (15 ta' Settembru): €20

Il-prezz jinkludi:

- Titjiriet diretti mal-KM Malta Airlines għal Linate
- Bagalja ta' 20kg u hand luggage
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
- 4 iljieli fil-Grand Hotel della Posta 4* fiċ-ċentru ta' Sondrio
- Buffet breakfast kuljum
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader Malti
- Insolvency Fund Protection

Il-prezz ma jinkludix:

- City tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains eċċ

Jista' jkun hemm tibdil minimu fil-programm minħabba ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom. F'każ li l-cable car ma tkunx qed topera, tiġi offruta alternattiva b'xenarji mill-isbaħ.

Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.





